# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Deċiżjoni biex titneħħa miżura ta' riorganizzazzjon fir-rigward ta' van Apra Leven NV

*(Pubblikazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni)*

(2012/C 55/03)

| | |
|---|---|
| Impriża tal-assigurazzjoni | Apra Leven NV, f'likwidazzjoni<br>Indirizz:<br>Jan Van Rijswijcklaan 66<br>2018 Antwerpen<br>BELGIË<br>Uffiċju tal-fergħa fi<br>Consell de Cent, 389<br>Planta PR, Puerta 2<br>08009 Barcelona<br>ESPAÑA |
| Data, dħul fis-seħħ u t-tip ta' deċiżjoni | Fl-24 ta' Jannar 2012, deċiżjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju biex tiġi rrevokata d-deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2011 tal-Kummissjoni għall-Banek, l-Affarijiet Finanzjarji u l-Assigurazzjoni biex jiġu sospiżi l-ftehimiet kurrenti tal-assigurazzjoni, għajr il-ħlas bil-quddiem skont kundizzjonijiet ċarament definiti, taħt l-Artikolu 26 § 1 subpara. (2) Nru 2 tal-Att tad-9 ta' Lulju 1975 dwar il-kontroll tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni.<br>Din id-deċiżjoni tapplika għall-kumpanija mid-data tan-notifika permezz ta' ittra rreġistrata jew ittra b'avviż tal-wasla. Tapplika għall-partijiet terzi mid-data meta tidher fuq *Belgisch Staatsblad* (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana) (Artikolu 26 § 2 tal-Att tad-9 ta' Lulju 1975 dwar il-kontroll tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni). |
| Awtoritajiet kompetenti | National Bank of Belgium<br>Boulevard de Berlaimont/Berlaimontlaan 14<br>1000 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË |
| Awtorità superviżorja | National Bank of Belgium<br>Boulevard de Berlaimont/Berlaimontlaan 14<br>1000 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË |
| L-amministratur maħtur | Mhux applikabbli |
| Liġi applikabbli | Il-liġi Belġjana – l-Artikolu 26, § 1 subpara. (2) Nru 2 tal-Att tad-9 ta' Lulju 1975 dwar il-kontroll tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni. |